

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000137/2013

lill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Jan Mulder, Renate Weber, Sonia Alfano, Jens Rohde, Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Leonidas Donskis, Alexander Graf Lambsdorff, Sir Graham Watson, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Sylvie Goulard, Ramon Tremosa i Balcells, Marielle de Sarnez, Jelko Kacin, Olle Schmidt

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ

Fit-12 ta' Novembru 2013 il-Parlament Malti approva abbozz ta' liġi li jippermetti ċittadini ta' pajjiżi terzi jixtru iċ-ċittadinanza Maltija, u għalhekk igawdu mil-libertà ta' moviment fl-UE u fiż-żona Schengen, għal EUR 650 000.

Filwaqt li deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' nazzjonalità u ċittadinanza huma esklussivament f'idejn l-Istati Membri, id-deċiżjoni Maltija hi waħda problematika peress li tħalli ċittadini ġodda jivvjaġġaw madwar l-UE u fil-bqija taż-żona Schengen mingħajr ma ġew ikkonsultati l-Istati Membri u l-pajjiżi Schengen l-oħra. Għalhekk din tista' tiġi interpretata bħala abbuż tad-drittijiet li l-pajjiż ikkonċernat kiseb permezz tas-sħubija tiegħu fl-UE jew iż-żona Schengen, u bħala nuqqas ta' rispett għall-pajjiżi l-oħra involuti.

Tqajjem ukoll tħassib rigward il-possibiltà ta' diskriminazzjoni, għaliex huma biss iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li huma sinjuri li jistgħu jixtru iċ-ċittadinanza.

Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk iċ-ċittadini Maltin humiex se jibbenefikaw minn din il-politika, per eżempju mill-ġbir tat-taxxi. Iċ-ċittadinanza ma tinvolvi biss drittijiet iżda wkoll responsabbiltajiet, għalkemm investituri barranin mhumiex suġġetti għal dan.

Fl-aħħarnett, id-deċiżjoni tqajjem mistoqsijiet dwar jekk dawn l-arranġamenti sabiex wieħed jikseb ċittadinanza Maltija jimminawx proprju l-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea.

Jista' l-Kunsill jgħid jekk id-deċiżjoni tal-Parlament Malti hijiex konformi mal-ittra u l-ispirtu tat-Trattati u mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u mar-regoli tal-UE fil-qasam tan-nuqqas tad-diskriminazzjoni?

Imressqa: 4.12.2013

Mgħoddija: 5.12.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 26.12.2013